31 ta' Mejju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Salvatore Attard** *versus* Carmela Camilleri

## Self — Mara — Kummerċ — Kompetenza — Art. 12 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

*Il-mara, waqt iż-żwieġ, tista' teżerċita l-kummerċ; imma bil-kunsens ta' żewġha, jew bl-awtorizzazzjoni tal-Imħallef tal-Qorti tal-Kummerċ meta r-raġel ma jkunx jista' jagħti dak il-kunsens, jew meta t-tnejn ikunu minorenni, jew l-awtorizzazzjoni b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ meta jkunu leġittimament mifrudin minn xulxin u r-raġel ma jkunx irid jagħti l-kunsens tiegħu.*

*Il-kunsens tar-raġel jista' jkun espress jew taċitu, u jista' jkun ukoll preżunt: u l-liġi tippreżumieh meta l-eżerċizzju tal-kummerċ tal-mara jkun publiku u magħruf, sakemm hu ma jkunx għamel oppożizzjoni formali għal dak l-eżerċizzju b'dikjarazzjoni kuntrarja f'att pubbliku, reġistrata fil-Qorti tal-Kummerċ u publikata b'avviż fil-Borża, fil-Gazzetta tal-Gvern, u f'gazzetta oħra lokali.*

*Biex il-mara titqies kummerċjanta, hemm bżonn l-ewwelnett li hija tkun tassew tali, jiġifieri jkollha attività kummerċjali; u biex il-kunsens tar-raġel ikun preżunt, jeħtieġ li dik l-attività tkun publika u notorja.*

*Mhux biżżejjed li l-mara tkun ritenuta kummerċjanta fl-opinjoni publika, imma hi rikjesta l-attività kummerċjali b'eżerċizzju effettiv u abitwali ta' atti obbjettivi tal-kummerċ f'isimha u bi professjoni. Ma hemmx bżonn li dik l-attività tkun unika, jew*

*il-prinċipali tagħha, imma trid tkun abitwali, b'serje kontinwa ta' affari kummerċjali. U xejn ma jiswa minflok dan; xejn ma jagħmel il-viċi tal-eżerċizzju effettiv, la l-volontà li wieħed jeżerċita l-kummerċ, u lanqas il-fatt li wieħed jintitola ruħu kummerċjant u jġiegħel li jiġi kunsidrat tali, sija pure b'artifiżi dolużi.*

*Dawn il-prinċipji għandhom jiġu applikati b'rigur assolut; għaliex il-liġi tikkunsidra l-eżerċizzju tal-kummerċ ħaġa ta' importanza somma, ċirkondata minn diffikultajiet ta' natura varja, u ġġib konsegwenzi wisq importanti.*

*Fl-apprezzament tal-pubbliċità u notorjetà wieħed għandu joqgħod attent, u jiddeżumihom mhux superfiċjalment, imma minn insjeme ta' atti u operazzjonijiet.*

*Meta dan l-apprezzament u l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji ma jirriżultax biex juru li l-mara hi publika merkantessa, il-Qorti tal-Kummerċ mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kawża li ssir kontra l-mara għar-restituzzjoni ta' self li jkun sarilha; sija pure allegatament għall-kummerċ tagħha.*

Il-Qorti;

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur talab illi l-konvenuta tiġi kundannata tirrestitwixxi u tħallas lilu s-somma ta' £44 lill-istess konvenuta minnu mogħtija b'self skond skrittura (dok. A), u li hija kellha tħallas sal-4 ta' Mejju 1953 skond skrittura oħra (dok. B); salva kull azzjoni kontra żewġha bħala kap tal-komunjoni tal-akkwist. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tal-qbid tat-13 ta' Mejju 1953;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-konvenuta hija mara miżżewġa, u ġiet konvenuta quddiem din il-Qorti bħala publika merkantessa. Issa, il-mara waqt iż-żwieġ tista' teżerċita l-kummerċ, imma mhux mingħajr il-kunsens ta' żewġha jew l-awtorizzazzjoni tal-Imħallef ta' din il-Qorti, meta r-raġel ma jkunx jista' jagħti l-kunsens tiegħu, jew meta t-tnejn ikunu minorenni, jew l-awtorizzazzjoni b'sentenza ta' din il-Qorti, meta jkunu leġittimament mifrudin minn xulxin u r-raġel ma jkunx irid jagħti l-kunsens tiegħu;

Il-kunsens tar-raġel jista' jkun espress jew taċitu, jew preżunt; u l-liġi tippreżumieħ meta l-eżerċizzju tal-kummerċ

ta' martu jkun publiku u magħruf, sakemm ma jkunx għamel oppożizzjoni formali b'dikjarazzjoni kuntrarja, b'att publiku, reġistrata f'din il-Qorti u publikata b'avviż fil-Borża, fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti oħra lokali (art. 12 Kodiċi tal-Kummerċ);

Illi, fil-każ preżenti, il-konvenuta mhix mifruda minn żewġha, u dan la hu minuri u lanqas ma hija minuri l-konvenuta, u lanqas ma huwa inkapaċi għal xi raġuni oħra li jagħti l-kunsens tiegħu. Għalhekk, biex il-konvenuta tkun tista' titqies kummerċjanti, hemm bżonn l-ewwelnett li hija tkun tassew tali, jiġifieri li għandha attività kummerċjali; u mbgħad, peress li ma jirriżultax li żewġha ta espressament il-kunsens tiegħu, illi u fil-każ li tassew teżerċita l-kummerċ, li teżerċitah mhux bil-moħbi, imma publikament u notorjament, biex hekk ikun jista' jiġi preżunt il-kunsens ta' żewġha. Liema preżunzjoni appuntu tappoġġja ruħha fuq il-fatt li r-raġel li jikkoabita, jew suppost li jikkoabita, ma' martu u intant jassisti għall-attività kummerċjali tagħha, japprova impliċitament dik l-attività bil-fatt li ma jiddiżapprovahiex;

Illi għaldaqshekk irid ikun hemm dik l-attività kummerċjali da parti ta' martu; u dik l-attività trid tkun publika u notorja. Mingħajr il-publiċità u n-notorjetà ma hemmx kunsens preżunt tar-raġel; u mingħajr l-eżerċizzju effettiv tal-kummerċ il-mara ma tkunx kummerċjanti, lanqas jekk tkun tali fl-opinjoni publika, per eżempju, għaliex tkun ġegħlet, sija pure b'artifizji dolużi, li tkun kreduta tali; u lan għaliex mingħajr dik l-attività kummerċjali ma tista' qatt takkwista l-kwalità ta' kummerċjanti, billi wieħed ma jakkwistax dik il-kwalità jekk mhux bl-eżerċizzju effettiv, abitwali, ta' atti obbjettivi tal-kummerċ, f'ismu proprju u bi professjoni. Ma hemmx bżonn li tkun l-unika, jew il-prinċipali, imma abitwali, jiġifieri b'serje kontinwata ta' affari kummerċjali. Fi kliem ieħor, lanqas ma jibbasta li reiteratament wieħed jagħmel atti obbjettivi ta' kummerċ, imma jeħtieġ li jiddedika ruħu abitwalment għall-kummerċ u minnu jifforma il-proprja kondizzjoni ta' ħaġa effettiva u kon-

tinwata; u min ikun irid jidderiva xi dritt mill-kwalità ta' kummerċjant irid jagħti l-provi billi juri li fil-fatt dak li jkun hu kummerċjant, jiġifieri li jkun qiegħed jagħmel atti oġġettivi ta' kummerċ f'ismu, reiterament, b'kontinwità organika; u xejn ma jista' jiswa minflok dan; jiġifieri xejn ma jagħmel il-viċi tal-eżerċizzju effettiv. Il-volontà — jgħid Vivante — li teżerċita l-kummerċ ma tistax tagħmel il-viċi tal-eżerċizzju effettiv; kwindi ma jibbastax li wieħed jintitola ruħu kummerċjant, sija pure f'attijiet privati jew pubbliċi, u jgiegħel li jiġi kredut kummerċjant, sija pure b'artifizji dolużi;

Illi dawn il-prinċipji għandhom jiġu applikati b'rigur assolut; għaliex il-liġi tikkunsidra l-eżerċizzju tal-kummerċ ħaġa ta' importanza somma, ċirkundata minn diffikultajiet ta' natura varja, u ġġib konsegwenzi wisq importanti;

Illi, inoltre, jekk minn banda waħda l-kunsens tar-raġel għandu jiġi preżunt meta jikkonvivi ma' martu u jħalliha teżerċita l-kummerċ mingħajr oppożizzjoni, u hekk għandu jkun, għaliex, kieku kellha tiġi konċessa lir-raġel il-fakoltà li jimpunja l-atti li bit-tolleranza tiegħu wera li jirritieni validi, kienet tkun qegħedha tiġi mogħtija faċilitazzjoni, anzi arma potenti, lill-frodi, minn naħa l-oħra, però, wieħed għandu joqgħod attent fl-apprezzament talpubbliċità u tan-notorjetà, u għandu jiddeżumihom mhux superfiċjalment, imma mill-insjeme ta' l-atti u ta' l-operazzjonijiet; l-għaliex il-konsegwenzi tal-kummerċ tal-mara huma wisq serji għar-raġel taħt ir-reġim tal-komunjoni ta' l-akkwisti; billi, kif huwa jipparteċipa fl-utili ritratti mill-mara bl-eżerċizzju tal-kummerċ tagħha, hekk ukoll huwa obligat għad-debiti tagħha, għalkemm sal-konkorrenza ta' l-akkwisti;

Tikkunsidra:

Illi mill-kumpless tal-provi li ġew prodotti jirriżulta [illegible] [illegible] [illegible] tgħid li hija, u forsi li għamlet ukoll xi atti iżolati ta' kummerċ; u jingħad "forsi", għaliex lanqas ma saret il-prova li effettivament għamlithom. Del resto, hu risaput li l-liġi

ma tokkupax ruħha minn nisa miżżewġa li jillimitaw ruħhom li jagħmlu atti singoli ta' kummerċ, mingħajr ma jsiru kummerċjanti, kif għandu jiġi dejunt mill-kliem adoperati mill-liġi — teżercita l-kummerċ — meta tgħid li l-mara miżżewġa tista' teżerċita l-kummerċ bil-kunsens espress jew taċitu ta' żewġha;

Inveru, jirriżulta mill-provi li għal darbtejn il-konvenuta offriet coats għall-bejgħ, kull darba *coat* wieħed biss; li darba xtrat radjo biex, kif qalet, terġa tbiegħu; li darba biegħet pupa u rrigalat oħra; li darba offriet lil ċerta Rosina Attard, li kellha bżonn ta' xi għamara, li tmur magħha ħalli tixtrijielha minn għand ċertu *Borg*, u b'hekk tpatti l-flus li kien *silifha* żewġha; li darba biegħet qatgħa ta' libsa li kienet xtrat għaliha u biegħetha b'anqas milli kienet tiswa biex tagħmel pjaċir lil min akkwistaha; *li għal xi sitt* darbiet xtrat ħwejjeġ mill-ħanut ta' ċertu Toni Brincat, u kienet tgħidlu li kienet qegħedha tixtrihom biex terġa tbiegħhom, għalkemm il-lavranta ta' dana Brincat, Mary *Persico*, qalet li lilha kienet *tgħidilha li kienet qegħedha* tixtri għal uliedha; li darba xtrat lożor, investi u ħwejjeġ ta' l-irġiel u oġġetti oħra mill-ħanut ta' Maria Muscat, u lil din qaltilha li xtrathom għan-negozju tagħha. *Ħadd, iżda, ma raha tinnegozja*, jiġifieri tbiegħ. *Antonia* Vella xehdet li l-flus li silfitha silfithomlha għaliha, u li ma tafx li hija merkanta; u Adelaide Persico xehdet li qatt ma semgħet minn għand ħadd li l-konvenuta kienet *kummerċjanta (fol. 37)*. Stella Debattista xehdet li, għalkemm rat lill-konvenuta b'sorra fuq rasha, iżda ma rathiex tbiegħ xi oġġetti minn dik issorra; u qalet li kellha l-okkażjoni tmur fid-dar tal-konvenuta, u hemm ma ratx affarijiet tan-negozju. Emilia Zammit xehdet li, meta talbitha tislifha xi flus, qaltilha li kellha bżonnhom għaliex kienet waslet biex tiżżewweġ tifla, u li, meta talbitha tbegħilha *makna tal-ħjata u pram*, qaltilha li l-makna tal-ħjata rieditha għal bintha li kienet waslet biex tiżżewweġ, u l-pram għal waħda li kienet sejra jkollha tarbija u ma setgħetx tmur hija stess biex *tixtriha:*

Illi, meta għaċ-ċirkustanzi fuq riferiti jiġu applikati l-prinċipji fuq żvolti, ma jistax ma jiġix ritenut illi, mhux biss ma jirriżultax kummerċ pubblikament u notorjament

eżerċitat mill-konvenuta, imma lanqas ma tirriżulta attività kummerċjali da parti tagħha, jiġifieri l-kwalità ta' kummerċjanti fiha. Il-konvenuta kienet lagħaba tal-prima, u kienet tissellef flùs mhux biex tislifhom b'tass ta' interessi aktar għoli, imma biex tħallas id-djun li kienet tagħmel għall-logħob u biex tħallas imgħaxijiet użurarji fuq dawk id-djun. U jekk kienet tixtri xi ħwejjeġ, ċertament ma kienetx tixtrihom għal skop ta' spekulazzjoni, imma jew għal ħadd ieħor, jew forsi biex tiżvendihom ħalli jkollha flus f'idejha għall-kapriċċi tagħha u għal skopijiet fuq rikordati. Ir-raġel tagħha ma kienx jaf b'dawn id-djun li kienet qegħedha tagħmel, u b'dan it-taħwid tagħha; sar jaf meta għamlithom, u meta f'daru ġie eżegwit mandat u kredituri bdew imorru jfittxu lilu; u meta talabha spjegazzjoni, ma tathielux. Milli jidher, huwa ma jikkontja xejn fid-dar, u r-raġel hija l-mara;

Illi, ġa ladarba l-konvenuta mhix publika merkantessa, dina l-Qorti mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża;

U kwindi tiddikjara ruħha inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż.